# TRIBUNAL  INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 780

Kaz. Nru. 1075

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Anne Mary Farrugia

u

Giulio’s Restaurant

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 7 ta’ Jannar, 1997

**Chairman :  Is-Sur Maurice Petrocochino**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru ta’ l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani b’ittra datata 24 ta’ Settembru, 1996 b’riferenza ME 4/95/183/III skond il-provvediment ta’ l-Artikolu 28(2) tal-kap 266 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2.   Peress li l-kumpanija sostniet li l-appellanti kienet irrizenjat waqt li l-appellanti kkontendiet li kienet giet mkeccija mill-impjieg, it-Tribunal iddecieda li jisma’ u jiddeciedi liema kienet ir-raguni ghat-tmiem ta’ l-impjieg u dan ghaliex it-Tribunal mhux kompetenti li jidhol f’kaz ta’ rizenja.

3. L-appellanti kienet waitress u kienet anke giet mibghuta kors qasir fl-Institute of Tourism Studies. Fl-10 ta' Settembru, 1996 kien inzamm Maltese Night. Xi nies li kienu ibbukkjaw mejda gew ftit tard izda r-Restaurant Manager ried jaqdihom u qallha, f'xi 8.15 ta' filghaxija, li jekk kulhadd imedd idejh, jehilsu kmieni. L-appellanti baqghat tgerger u meta regghat giet imsejha biex tkompli, nezghat il-kostum Malti u telqet 'il barra.

4. L-appellanti ssostni li r-Restaurant Manager kien qallha titlaq 'il barra, pero' dan innega din l-allegazzjoni u anke qal li ma kellux awtorita' jkecci lil hadd; s-sur Bowerman, ghall-kumpanija, qal li mhux talli ma keccihiex izda qal li kien lest jehodha lura jekk riedet. Qal ukoll li r-Restaurant Manager kien gie mwissi, meta beda l-impjieg, li ma kellux awtorita' jkecci lil hadd.

Qal li pprova jikkuntatjha bla success u wara xi zmien gie ghandu hu l-appellanti biex jiehu t-termination sheets u meta lil dan qallu li setghet tidhol lura, dan irrisponda li ma ridetx tigi izjed maghhom.

5. Ix-xhud Angela Farrugia xehdet il-kliem li l-appellanti qalet u cioe' "se nitlaq ghax iddejjaqt", waqt li Pauline Abela qalet li l-appellanti qaltilha "iccekkja (il-basket) ghax jien hierga u sa nitlaq. Xbajt u sa nitlaq".

Peress li minn din ix-xhieda ma kienx car jekk l-appellanti telqet 'il barra dak il-hin biss jew riedetx tghid li kienet sejra titlaq l-impjieg, instemghu x-xhieda l-ohra.

6. Waqt li x-xhieda tal-kumpanija kienu konsistenti, dik tal-istess appellanti ma kienet xejn konvincenti. Ammettiet li

kienet nezghat il-kostum u telqet ‘il barra mir-restaurant meta kien ghad hemm nies jieklu - xi tletin godda skond ix-xhud Bartolo - imma ziedet tghid li kien qallha titlaq l-istess Bartolo.

Hawn ghandu jinghad li xejn ma kien xieraq li wiehed jitlaq minn fuq ix-xoghol kif gie gie specjalment f’restaurant li jiddependi ghall-futur tieghu fuq is-soddisfazzjon tal-klijenti u li allura l-impjegata kellha nteress li ma ddghajjefx il-post li qed jaghtiha mpjieg.

7. It-Tribunal ha l-istess impressjoni bl-atteggjament taghha li, barra li ma twegibx domandi tad-difensur taghha stess, hija baqghat thares lejh biex forsi jghid lilha x’ghandha tirrispondi; fil-fatt dan gara darba fejn id-difensur issuggerilha risposta - okkazzjoni li giet innotata mit-Tribunal dak il-hin stess tax-xhieda taghha; darb’ohra ma irrispondietx ghad-domanda jekk kinetx marret ghand is-sur Bowerman, il-General Manager, biex tara fuq l-allegata tkeccija taghha.

8. Gie sostnut li dan l-atteggjament waqt ix-xhieda kien “stage fright” ghax l-appellanti qatt ma kienet dahlet il-Qorti qabel, pero’ ma kellux ikun hemm stage fright biex tkellem lill-Manager fejn kienet ilha tahdem sena u tliet xhur u dana fi stabbiliment relattivament tant zghir li kellu biss zewg waitresses.

9. L-appellanti qajmet il-punt legali dwar l-applikazzjoni tal-Art. 60 tal-Kodici Kummercjali u l-proceduri rikjesti bl-Art 59 (2) biex jigu limitati il-poteri ta’ nies ta’ certu grad. Apparti l-fatt jekk il-Kodici Kummercjali japplikax biss ghall-azzjonijiet ta’ kummerc jew japplikax ukoll bejn

min ihaddem u l-impjegati tieghu li, fit-tieni kaz allura huwa kospikwu l-inosservanza tieghu ghax kieku il-Qorti, il-Kamra tal-Kummerc, il-Gazzetta tal-Gvern u l-gazzetti lokali ikunu midfunin bl-avvizi ta' "delegation of duties" tal-organizzazjonijiet kollha ta' Malta u apparti l-fatt illi management mhux qed jinnega responsabbilita' ta' xi dritt allegat minn terza persuna li gie moghti lilha minn dipendenti tal-management, it-Tribunal huwa konvint li l-allegata tkeccija mis-sur Bartolo jew sur Bowerman ma saretx u allura dawk il-limiti, jekk japplikaw ghall-kaz simili lanqas ma japplikaw ghal dan il-kaz peress li ma gewx applikati.

10. Zewg indizji ohra jindikaw li din il-konvinzjoni hija korretta u cioe' :-

a) Fl-Istatement of Case il-kumpanija sostniet li hu l-appellanti qal lis-sur Bowerman li ohtu ma kinetx interessata tidhol lura ghax-xoghol, izda kif rilevat mid-difensur tal-kumpanija l-appellanti lanqas resqitu biex jichad dik l-allegazzjoni.

b) Is-sur Bowerman u s-sinjorina Anne Mary Farrugia, mistoqsija mit-Tribunal wara li kienu saru is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet qablu li l-kumpanija kienet hallset l-ammont dovut mnaqqas bin-notice money li l-appellanti kienet obbligata taghti u dan bla ma saret ebda oggezzjoni.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal ma jaccettax l-allegazzjoni li Anne Mary Farrugia giet imkeccija u jaqbel mal-kumpanija li l-appellanti kienet irrizenjat u ghalhekk jichad it-talba tal-appellanti.

Ghall-fini tat-tassazzjoni, it-Tribunaal jiffissa d-dritt tal-konsulenti taz-zewg partijiet, dritt ghal wiehed biss ghal kull parti, fis-somma ta' Lm40 li hija l-massimu permess mill-ligi.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

------------------------
**Maurice Petrocochino**
**CHAIRMAN**

--------------------
**Joyce Agius**
**SEGRETARJA**

mrg